# ID-DWELL F'MALTA (2)



JOSEPH SERRACINO



L-unur, il-preċedenza, il-logħob u l-antagoniżmu fost il-Lingwi tal-Ordni kienu xi wħud mir-raġunijiet li wasslu lil bosta Kavallieri biex jisfidaw lil xulxin għad-dwell. Ċertament li ma' dawn ir-raġunijiet kien hemm oħrajn li kienu aktar delikati u li tort tagħhom inxtered ħafna demm innoċenti.

Naqraw li mad-daħla tas-Seklu 17, id-dwell kien sar popolari ħafna fi Franza u beda jikkaġuna ħafna mwiet, tant li fl-1602 Enriku IV kien ħareġ digriet li kien jgħid, li kull min kien jipparteċipa fi dwell u jinqabad, jiġi ssentenzjat għall-mewt. Insibu wkoll li fl-istess żmien din id-drawwa sabet art fertili wkoll fl-Ingilterra, l-aktar fiż-żmien Oliver Cromwell (ir-Restorazzjoni Ingliża) fejn jingħad, li f'172 każ ta' dwell ħallew ħajjithom 72 ruħ. Fl-Amerika wkoll, li fl-imgħoddi kienet influwenzata bil-kbir mill-kultura Ewropea nsibu, li l-ewwel traċċi ta' din id-drawwa jmorru lura sal-1621. Diversi każi ta' dwell li saru matul is-Sekli 17 u 18 spiċċaw fatali. Iżda f'nofs is-Seklu 19, is-Senat Amerikan għamel liġijiet fejn abolixxa kull tip ta' dwell u ħarrax is-sentenzi ta' ħabs għal kull min jinqabad jidwella.

Ngħid is-sewwa, id-dwell minn dejjem kien suġġett li jaffaxxinani u l-ġrajjiet li fihom tidħol din id-drawwa jinteressawni ħafna. Dan l-aħħar iltqajt ma' żewġ studji serji ħafna dwar dan is-suġġett miktubin minn Ġużè Gatt u l-Avukat Giovanni Bonello, żewġ studjużi kbar li bil-ħila tagħhom, ħafna mit-tagħrif maħżun fl-arkivji tal-Ordni tawh il-ħajja mill-ġdid u b'ħilithom sirna nafu bi ġrajjiet li għal ħafna snin kienu misturin. Dwar din id-drawwa li aktarx li daħlet f'pajjiżna mal-miġja tal-Kavallieri u li mal-milja tas-snin saret vizzju misħut, kitbu t-tnejn, u fil-kitbiet tagħhom insibu ġrajjiet imsejsin b'dokumentazzjoni serja.

Fil-fatt jien se nagħmel użu minn dawn ix-xogħlijiet sbieħ, biex lilkom inwassilkom tagħrif dwar din id-drawwa li ftit li xejn nafu dwarha, u li tiegħu nkomplu nżidu l-għerf tagħna dwar l-istorja ta' pajjiżna.

Fil-fatt, ftit tal-ġimgħat ilu kont qiegħed inkellem ħabib tiegħi dwar dan is-suġġett u ngħid is-sewwa ħassejtu kemxejn xettiku dwaru. Qalli, li għalkemm dan is-suġġett jinteressah ħafna, b'danakollu xi wħud mill-ġrajjiet li tkellimna fuqhom jarahom esaġerati, għax fil-fehma tiegħu, l-Ordni tal-Kavallieri kienet għaqda reliġjuża u ma setgħet qatt tippermetti li jsir dwell fost il-Kavallieri, u dan isaħħaħ fehmtu, għax fl-istatut tal-Ordni hemm stipulat li kull Kavallier li kien jinqabad f'xi reat tad-dwell kien jispiċċa mkeċċi mill-Ordni.

Jekk il-ħabib tiegħi għandux raġun jew le se nistħarrġuh matul din is-sensiela, li biex ktibtha, kif aċċennajt, għamilt użu minnhom u b'hekk inkun f'pożizzjoni li nwassal aktar tagħrif dwar drawwa li kienet komuni ħafna fiż-żmien il-Kavallieri u li aktarx baqgħet b'saħħitha fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża f'Malta.

Xi storiċi jsostnu li għall-ewwel 70 sena mill-miġja tal-Kavallieri f'Malta (1535 – 1600) jeżistu dokumenti fl-arkivji tal-Ordni dwar każi ta' dwell li fihom kienu nvoluti l-Kavallieri.

Nafu wkoll li tul il-ħakma tal-Ordni tal-Kavallieri, kien hemm diversi Gran Mastri li konxji ħafna mill-gravitá ta' din id-drawwa ppruvaw irażżnuha billi għamlu liġijiet ġodda jew użaw oħrajn eżistenti. Huma kienu jafu, li din id-drawwa mhux biss kienet qiegħda ġġarrab ħafna Kavallieri iżda kienet ukoll qiegħda timmina u ddgħajjef is-setgħa tal-Ordni.

Barra hekk, l-involviment tal-Kavallieri fid-dwell kien qed ikasbar il-prestiġju tal-Ordni f'għajnejn il-poplu Malti, li kien iqis lill-Kavallieri bħala membri ta' Ordni reliġjuża, kif ukoll tnaqqas il-ġieħ u r-rispett li l-Ordni minn dejjem kellha minn pajjiżi tal-qrib li magħhom kellha rabtiet kummerċjali.

Minn kitbiet dwar l-istorja tal-Ordni jidher ċar li din id-drawwa kienet ilha s-snin tinkwieta lill-Gran Mastri li mexxew din l-għaqda kavallereska li kellha statuti reliġjużi u li l-membri tagħha f'diversi lingwi suppost li kienu jgħixu bħall-aħwa taħt il-ħarsien ta' gwardjan magħżul minnhom bħala l-Gran Mastru. Fil-fatt, fiż-żmien il-Gran Mastru Fra Pietro Raimondo Zacosta (1461 – 1467) kienet saret liġi li kienet tgħid, li min iżomm ma' xi ħadd li jidwella jew ixandar xi dwell li jsir, jeħel xahrejn priġunerija u jitlef l-anzjanitá fil-grad.

Sintendi din il-liġi kienet twissija serja għal dawk kollha li b'xi mod kienu jgħinu biex isir id-dwell, u għalhekk mhix ħaġa kbira li wara l-ħruġ ta' din il-liġi ħafna mid-dwellijiet bdew jsiru b'segretezza kbira u minħabba hekk ħafna minnhom baqgħu misturin.

Waqt li l-Gran Mastru la Cassiere (1572 – 1582 ) ipprova jirristrinġi kemm seta' l-vizzju tad-dwell fost il-Kavallieri bi tkeċċija mmedjata mill-Ordni u b'liġijiet aktar ħorox għal dawk kollha li b'xi mod jipparteċipaw fi kwalunkwe dwell bl-armi kemm fil-belt kapitali kif ukoll barra s-swar tagħha, 150 sena wara, il-Gran Mastru Manoel de Vilhena (1722 – 1736) kompla ħarrax il-penali u firixhom saħansitra għal dawk kollha li kienu jkunu involuti fid-dwell kif ukoll sentenza tal-mewt bit-tgħallieq għall-isfidant, jekk waqt il-proċeduri tal-qorti jinstab li l-vittma ġie sfurzat biex jaċċetta d-dwell.

Wieħed ma jridx jinsa jgħid ukoll li dan il-vizzju ġie kkundannat mill-Konċilju ta' Trentu (1545 – 1563) li ħareġ l-iskomunika għall-protagonisti li jieħdu sehem fid-dwell u għal dawk kollha li jgħinu b'xi mod biex isir kif ukoll digriet biex ma jindifnux f'ċimiterji Nsara. Sfortunatament, għalkemm xi wħud minn dawn l-każi tad-dwell huma mniżżlin fl-arkivji tal-Ordni, b'danakollu, ir-raġunijiet veri u reali li wasslu lil bosta Kavallieri biex jisfidaw lil xulxin għad-dwell baqgħu misturin.

M'għadniex xi ngħidu, din is-segretezza tasal biex tnissel ħafna dubji u tkompli tħawwad l-imħuħ ta' bosta storiċi, li għal snin twal impenjaw irwieħhom f'tiftix bla heda fl-arkivji tal-Ordni f'tentattiv wara ieħor biex isiru jafu eżatt il-mottivi ta' diversi dwellijiet. Nafu li r-raġunijiet kienu varji u dawn kienu jvarjaw, fejn il-ġieħ, l-għira, il-pika, il-preċedenza kienu kawżi komuni li l-Kavallieri kienu jitlewmu fuqhom ta' spiss, iżda ċertament li l-logħob, ix-xalar u n-nisa kienu ċirkustanzi oħra li wasslu lil bosta Kavallieri jinsew il-voti tagħhom u f'dagħiegħa ta' rabja sfidaw lil xulxin għad-dwell.

B'danakollu, għalkemm realment diversi dwellijiet spiċċaw b'wieħed mill-protagonisti ferut serjament, rari u rari tassew sar magħruf x'kien il-mottiv għala sar id-dwell.

L-ewwel ħjiel ta' dwell imur lura sal-1538, jiġifieri tmien snin biss wara l-miġja tal-Ordni f'Malta, meta l-Kavallier Filippu Dalbion sfida lil Fra Pedro de Feilizes għad-dwell. L-ewwel vittma ta' dwell seħħ erba' snin wara jiġifieri fl-1542 meta l-Kavallier Franċiż de Bloquieu safa maqtul minn Kavallier tal-istess Lingwa, Claude de la Chatiere li wara tkeċċa mill-Ordni.

Nafu li l-Ordni ppruvat kemm-il darba ssib mezz kif tikkontrolla l-vizzju tad-dwell kemm b'sentenzi twal ta' priġunerija fil-ħabs, b'nuqqas tal-anzjanità fil-grad għal dawk li jinqabdu jidwellaw u bit-tkeċċija mill-Ordni.

Każ simili fejn il-protagonist daq il-qilla ta' dawn is-sentenzi seħħ fl-1573 meta l-Kavallier Fra Juan Periera wara li nstab ħati li fera lil Fra Giorgio Correa fid-dwell, tilef sentejn anzjanitá u għaddiehom magħluq fil-kastell Sant'Anġlu. Jissemmew diversi Kavallieri li tkeċċew mill-Ordni għal reati simili, fosthom Fra Ludovic Puget u Fra Pierre de Spermier.

Insibu każi fejn il-protagonisti li ħadu sehem fi dwell kienu aktar minn tnejn. Każ simili kien dak li ġara fl-1574, meta l-protagonisti tad-dwell kienu erba' Kavallieri, fosthom żewġt aħwa. F'dan id-dwell kienu ħadu sehem Fra Francesco Di Napoli u Fra Francesco Sierri kontra Fra Isodoro di Napoli u Fra Gaspare Ferrer, b'Isodoro di Napoli jitlef ħajtu u Ferrer ferut serjament.

Każ kurjuż ħafna li wassal żewġ Kavallieri għad-dwell, kien ġara fiż-żmien il-Gran Mastru Alof de Wignacourt (1601 – 1622). Fil-fatt f'dan id-dwell kien involut in-neputi tal-istess Gran Mastru, Henri de Lancy de Brains li kien xela lil Fra Francesco del Antella li kien jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-Gran Mastru li kien qed jivvalena lil zijuh. Kien kollu għalxejn li Del Antella pprova b'kull mod jevita dan id-dwell għax De Brains ma ried jisma' b'xejn u baqa' jippersisti bl-akkużi tiegħu. Id-dwell sar u n-neputi tal-Gran Mastru waqa' mejjet bix-xabla ta' Del Antella tniffidlu qalbu.

Is-segretarju sogħbien talab lill-Gran Mastru Wignacourt biex voluntarjament jeżilja ruħu, iżda l-Gran Mastru li kien magħruf ħafna għall-ġustizzja tiegħu, wara li għarbel sewwa ċ-ċirkustanzi tal-każ ordnalu biex ikompli jaqdi dmiru bħala segretarju tiegħu…

*Ikompli f'ħarġa oħra*